MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 904/2004

**Antonia sive Tania Ellul**

**Vs**

**Alan Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li kien gie prezentat fit-28 ta' April 2004 fejn l- attrici talbet li tithallas mill-konvenut is-somma ta sitt mija u hamsa u tletin lira tmienja u erbghin centezmu (Lm635.48) rapprezentanti valur ta danni kkagunati f'incident stradali li sehh fit-28 ta Frar 2004 f'Ta Qali limiti tar-Rabat fejn il-vettura numru ALN 029 misjuqa mill-konvenut habtet mal-vettura numru DAB 534 misjuqa minn Sean Ellul proprjeta' ta l-attrici u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza, kopja tar-rapport u skizz qed jigi esebit mmarkat Dok A;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta l-ittri legali datata 20 ta April 2004 (Dok B) u tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut u bl-interessi legali mid-data tal-prezentata ta dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 13 ta Mejju 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni u ghalhekk ma hux tenut li jhallas ebda danni. B'riserva li jitresqu eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi mressqa inkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi skond ir-rapport tal-pulizija Dok A jirrizulta mil-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieq li l-habta grat meta wiehed kien hiereg u l-iehor diehel ghal gewwa car park f'Ta Qali.

Skond WPS 171 Liliana Mifsud l-incident in kwistjoni sehh ezatt fl-entratura tal-car park filwaqt li kkonfermat ir-rapport u skizz li regghu gew esebiti bhala LM 1 u LM 2 ghalkemm Dok LM 2 ma jidhirx fil-process. Tikkonferma ukoll li l-impatt sehh fejn tidher il-vlegga celesti fuq ir-ritratt esebit Dok AE 1 u cioe precizament fil-blokk minn fejn ikunu dehlin il-vetturi fil-car park. Il-vettura ALN 029 kienet diehla filwaqt li l-vettura DAB 534 kienet gia fil-car park miexja fil-parking area biex tohrog.

L-attrici li ma kienitx prezenti ghall-incident semplicement ikkonfermat id-danni minnha subiti qua proprjetarja tal-vettura ghalkemm ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq il-kwantum per se.

Sean Ellul li kien qed isuq il-vettura tal-attrici ighid li huwa kien pparkeggjat fil-car park u kien miexi bil-vettura tieghu sabiex johrog mill-istess parking area. Ighid li kien hemm diversi vetturi ohra parkeggjati. Xeghel l-indicator biex jaghmel sinjal ghal vetturi ta warajh u hekk kif kien hiereg dahlet il-vettura tal-konvenut li baqa jsuq ghal fuqu. Qabel

il-habta ra lill-konvenut ikellem lill-parker u addirittura jigbor il-bqija minn ghandu. Jikkonferma li l-hsarat fuq il-vettura tieghu graw fin-nofs tal-gemb tal-lemin taghha kif jidhru fuq ir-ritratti esebiti u mmarkati bhal Dok AE 9, 10 u 11;

In kontro-ezami Sean Ellul immarka fejn kien jinsab ipparkeggjat u kif ukoll ikkonferma li l-incident sehh vicin l-entratura tal-parkng area. Jissokta jghid li wara li rriversja bicca zghir, huwa beda miexi dritt lejn id-direzzjoni ta quddiemu fil-mument tal-incident.

Alan Gatt li kien riekeb passiggier ma Sean Ellul ighid li hu wkoll kien ra lill-konvenut jigbor il-bqija minn ghand il-parker fil-mument li baqa miexi u dahal f'Ellul. Iz-zewg vetturi kienu qed jinstaqu bil-mod. Dan ix-xhud ikkonferma l-hsara fuq il-vettura tal-attrici bhala dik li tidher f'Dok AE 9 u l-iskizz esebit a fol 5 tal-process. In kontro-ezami jghid li l-vettura ta Ellul kienet miexja fil-parti tal-parking area minn fejn jinstaqu l-vetturi – minn fejn johorgu.

Il-konvenut ighid li huwa waqaf fl-entratura tal-parking fil-gemb biex jaghti u jircievi l-flus minn ghand il-parker. Kif ircieva l-bqija, huwa tefa l-flus fuq is-seat appena beda jsuq sab lill-vettura tal-attrici ma wiccu. Jispjega li l-vettura ta Ellul kienet miexja u giet quddiemu minn-naha tax-xellug tieghu u cioe minn-naha fejn kien hemm centre strip u vetturi ohra parkeggjati u ghalhekk ma setax jarah gej. Fuq Dok AE 1 il-konvenut immarka b'salib id-direzzjoni mnejn huwa kien gej u fuq Dok AE 3 huwa mmarka fejn waqaf biex ihallas il-parker. Jikkonferma wkoll il-hsarat fuq il-vettura tal-attrici kif jidhru fuq Dok AE9. Lill-Ellul rah biss fil-mument tal-habta.

Illi fil-kaz in ezami ghalkemm jista jkun li seta gie ppruvat lil-konvenut kien daqsxejn aljenat hu u diehel gewwa l-car park peress illi kien ghadu qed jirranga bil-bqija moghtija lilu mill-parker hekk kif qala biex jipprocedi gewwa l-parking area, il-punt krucjali li ghandu jigi stabbilit huwa min miz-zewg vetturi kellha r-right of way – kienitx il-vettura li kienet hierga jew dik li kienet diehla – fuq min

kien jinkombi l-aktar l-obbligu li jzomm a proper look out fil-manuvra tieghu.

Illi filwaqt li gie stabbilit li Ellul kien qed jipprocedi bil-mod gewwa l-car park miexi fid-direzzjoni lejn l-exit, il-konvenut kien diehel bil-mod minn barra l-car park ghal gewwa l-car park. Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li kien dan ta l-ahhar li kien tenut juza aktar prudenza fis-sewqan tieghu stante li kien qed jemergi minn barra gewwa parking area mimlija vetturi u mhux bil-maqlub. In oltre jezistu provi ohra li jindikaw li l-konvenut seta kien ukoll daqsxejn aljenat u kwindi ma kienx qieghed daqshekk attent stante li hu u diehel kien ghadu b’xi mod okkupat bil-bqija li kien ghadu kemm gabar mill-parker.

Ghal dawn il-mottivi It-Tribunal jaqta u jiddeciedi dina l-kawza billi jichad l-eccezzjonijiet tal-istess konvenut, jilqa t-talba tal-attrici, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ta l-incident in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attrici s-somma mitluba ta sitt mija hamsa u tletin lira tmienja u erbghin centezmu (Lm630.48c) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta dan l-avviz u bl-ispejjes tal-odjerna procedura kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------